MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 12/2013

**Go p.l.c**

**C 22334**

**Vs**

**Mifsud Noel (Emanuel)**

**ID 550574M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta’ Jannar, 2013 illi ‘l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici ‘s-somma ta’ seba’ mija u tnejn ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€702.22) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40146589 u A/C40146980 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40146980 u Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40146589; Dok IZY5 kopjta ta’ ittra ufficjali a tenur

tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u Dok IZY6 – estratt mir-Registru Elettorali ta' Malta.

Illi l-konvenut gie 'nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-2 ta' April, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' April, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u tnejn ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€702.22) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------